TENNIS – WIMBLEDON 2010

# Serena Williams lesta għall-isfida ma' Sharapova

L-Amerikana, Serena Williams lesta li tpatti għat-telfa xejn mistennija li ġarrbet sitt snin ilu meta kontra kull mistenni kienet megħluba mit-tfajla ta' 17-il sena, ir-Russa, Maria Sharapova fil-final tal-Wimbledon.

Illum, l-Amerikana se tiffaċċja lir-Russa – illum aktar esperta minn sitt snin ilu – għal post mal-aħħar tmienja fit-tournament ta' Wimbledon, f'dik li l-esperti qed jgħidu li se tkun il-logħba bejn l-aqwa żewġ hitters nisa fil-courts tat-tennis mondjali.

S'issa fil-karriera tagħhom, iż-żewġ tennisti ltaqgħu seba' darbiet, bl-Amerikana tirbaħ ħamsa mill-konfronti mar-Russa.

Konfront ieħor mistenni hu bejn iż-żewġ Belġjani – Justine Henin u Kim Clijsters. Dawn għandhom jiltaqgħu għall-25 darba b'bilanċ ta' 12-12 – li jinkludu tliet grand slams. Illum it-tnejn se jfittxu li javvanzaw u jirbħu l-ewwel titlu tagħhom f'Wimbledon.

Fil-kategorija tal-irġiel, Roger Federer jilgħab kontra l-Awstrijak Jurgen Melzer, u l-Amerikan Andy Roddick kontra l-uniku Asjatiku li fadal, Lu Yen-Hsun tat-Tajwan, li flimkien ma' Andy Murry u Robin Soderling huma l-uniċi li għadhom ma tilfux set s'issa.

# Il-KOM jiċċelebra l-Ġurnata Olimpika

Il-Kumitat Olimpiku Malti bħal kull sena ngħaqad mal-pajjiżi kollha affiljati mal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ġurnata Olimpika. Bħalma sar fl-aħħar snin, din l-attività hija waħda sinjifikattiva fil-kalendarju tal-isport Malti. Il-qofol tal-attivitajiet kien il-Ġirja Olimpika.

Kienu madwar 500 dawk li ħadu sehem f'xi waħda mit-tiġrijiet li saru fuq ir-rotta ta' Buġibba.

Filwaqt illi fil-kategorija tal-kbar it-tiġrija kienet fuq distanza ta' 10 kilometri, kien hemm ukoll il-kategoriji għal atleti żgħażagħ fuq distanzi ta' ħames kilometri u żewġ kilometri u nofs.

Din l-attività saret ukoll bil-kollaborazzjoni tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Atletika, fejn dawk kollha li ħadu sehem ingħataw t-shirt kommemorattiva, kif ukoll ċertifikat tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali ffirmat mill-President Jacques Rogge, li f'messaġġ tal-okkażjoni ħeġġeġ lil kull min għandu għal qalbu l-isport sabiex ikattar l-ideal Olimpiku f'kull qasam tal-isport.

# Staġun impenjattiv għal Malta Basketball Association

Il-Maġistrat Antonio Mizzi, il-President tal-Malta Basketball Association ippreżenta uffiċjalment l-isponsor ewlieni għall-istaġun 2010-11 waqt konferenza tal-aħbarijiet li matulha għamel enfasi dwar l-istaġun impenjattiv li għandha quddiemha l-assoċjazzjoni tal-Basketball lokali.

Dan kollu seta' jseħħ bl-appoġġ finanzjarju ta' Detur Operations and Trade Ltd. Apparti li din il-kumpanija stabbiliṫa fit-Turkija se tkun responsabbli mit-timijiet Nazzjonali tal-kbar u dak ta' taħt is-16-il sena, se jkunu wkoll l-isponsors tal-MBA Shield, Super Cup u l-kompetizzjonijiet Super Champion.

Sinan Onem, il-Managing Director tal-istess Kumpanija ħabbar ukoll li se jagħtu l-appoġġ għall-parteċipazzjoni tat-tim nazzjonali tal-irġiel li bejn il-5 u l-10 ta' Lulju se jieħu sehem fil-Kampjonat tal-Ewropa Diviżjoni C.

Preżenti għal din il-preżentazzjoni kien hemm is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-isport, Clyde Puli, il-coach nazzjonali Santino Coppa, kif wkoll players tat-team nazzjonali, fosthom Rebecca Brincat, rebbieħa tal-Għażliet Sportiva tas-Sena illi ġiet ippreżentata wkoll bit-trofew u midalja tad-deheb għas-suċċess tagħha matul is-sena 2009, kif ukoll il-players Ashley Vella, Josephine Grima, Joshua Jackson u Adyson Bonnici.

EuroTours

Malta: Triq Mountbatten, Hamrun, Tel: (+356) 2122 3295, 2596 5555 • Email: info@eurotours.com.mt
Għawdex: 26 Triq ir-Repubblika, Victoria • Tel: (+356) 2156 4452

Dak li nwegħduk nagħtuk

L-ITALJA

L-Italja Klassika – €1040
12–22 Awwissu

Abruzzo – €1450
24 Lulju – 4 Awwissu

Abruzzo – €1040
19 – 26 Settembru

Toscana – €860
30 Ġun – 7 Lul, 21 – 28 Lul, 11 – 18 Aww, 1 – 8 Set, 22 – 29 Set, 20 – 27 Ott

Assisi u Ruma – €920
2 – 9 Lulju

Gardaland u Venezja – €860
15 – 22 Lul, 22 – 29 Lul, 5 – 12 Aww, 12 – 19 Aww, 19 – 26 Aww, 26 Aww – 2 Sett

Kosta Amalfitana – €890
12 – 19 Lul, 9 – 16 Aww, 16 – 23 Aww, 23 – 30 Aww, 30 Aww – 6 Sett, 20 – 27 Sett

Id-Dolomiti u l-Alpi Żvizzeri – €890
15 – 22 Lul, 12 – 19 Aww, 2- 9 Sett

Ruma, Cascia u l-Vatikan – €750
27 Ġun – 4 Lul, 18 – 25 Lul, 15 – 22 Aww, 22 – 29 Aww



Valle d'Aosta u l-Iżvizzera – €790
19 – 26 Lul, 26 Lul – 2 Aww, 2 – 9 Aww, 9 – 16 Aww, 16 – 23 Aww, 23 – 30 Aww

Lugano, Piemonte u l-Lombardija – €970
28 Ġun – 5 Lul, 2 – 9 Aww, 16 – 23 Aww, 23 – 30 Aww, 20 – 27 Aww

* Il-prezzijiet huma bażati fuq kmamar tripli, l-eskursjonijiet, ajru u taxxi kollha inklużi

ĠITI APPOSTA GĦALIK

www.eurotours.com.mt

SAJF